CCT/74/20/S

Maria Carmen R. Scicluna

Vs

Melita Ltd

Illum 21 ta' Novembru,2024.

It-Tribunal,

Ra t-talba ippreżentata minn Maria Carmen R. Scicluna fit-23 ta' Ġunju, 2020 u r-risposta b'kontra-talba tas-soċjeta' Melita Ltd ippreżentata fil-13 ta' Awwissu 2020.

Ra li r-rikorrenti ma preżentatx risposta għal kontro-talba kif ukoll eżamina d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni magħmula fis-seduta tad-9 ta' Ġunju 2022.

Ikkunsidra,

Illi fi ftit kliem, din il-pendenza tirrigwarda diversi ilmenti tar-rikorrenti dwar is-servizz mogħti mis-soċjeta' intimata kif ukoll kontestazzjonijiet dwar il-kontijiet maħruġa mill-istess soċjeta' intimata,

Illi l-obbligu tal-prova tinkombi dejjem lil min jallega u dan skont l-Artiklu 560 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fir-rigward tal-ammonti li is-soċjeta' intimata qed titlob minn għand ir-rikorrenti jidher illi l-ammont ta' €348.66 ta' servizzi provduti bejn Diċembru 2019 u l-24 ta' Ġunju 2020 ma tħallsux mir-rikorrenti u lanqas huma kontestati.

Illi flimkien ma' dawn l-ammonti, s-soċjeta' intimata qed tinsisti illi titħallas is-somma ta' €150 bħala *early termination* fee kif ukoll multa għal pagament tard ta' €3.

Illi dan it-Tribunal kemm-il darba kellu l-okkażjoni jikkummenta li kuntratt bħal dak odjern għandu jkun sempliċi kemm jista' jkun biex kulħadd ikun f'pożizzjoni li jifhmu u jieħu deċiżjoni infurmata dwaru u dwar jekk jaqbillux jiffirmah jew le.

Illi t-Tribunal kemm-il darba sahaq ukoll li l-punti l-iktar importanti għandhom ikunu emfasizzati biex il-parti li dieħla fiħ tkun taf għalxiex se tiffirma u x'inhuma il-kundizzjonijiet u r-responsabbiltajiet ta' tali ftehim.

Illi dan it-Tribunal iħoss li għalkemm il-konsumatur għandu diversi responsabbiltajiet, l-entita' li qed tagħti is-servizz għandha tagħmilha faċli għal konsumatur biex jieħu tali deċiżjoni infurmata.

Illi għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal huwa tal-fehma li is-somma ta' €348.66 hija dovuta mir-rikorrenti lis-soċjeta' intimata u li din tkopri s-servizzi provduti minn Diċembru 2019 sa l-24 ta' Ġunju 2020, filwaqt li dan it-Tribunal iħoss illi mhumiex dovuti l-ammonti l-oħra rikjesti mis-soċjeta' intimata u cioe' il-€150 bħal *termination* u l-*late payment fee* ta' €3 tenut kont taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

<u>Decide</u>

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u ċ-ċirkostanzi tal-każ, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba ta' Maria Carmen R. Scicluna filwaqt li Jilqa' limitatament l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' intimata Melita Ltd u b'dan li jordna li Maria Carmen R. Scicluna lil

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Melita Ltd is-somma finali ta' €348.66. B'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru